

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Caffè Nero Group Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 106, 21.03.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2016 – Caffè Nero Group vs EUIPO (CAFFÈ NERO)

(Kawża T-37/16) ⁽¹⁾

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva CAFFÈ NERO — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Trade mark ta' natura li tqarraq bil-pubbliku — Artikolu 7(1)(b), (c) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2016/C 462/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Caffè Nero Group Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: L. Cassidy, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Novembru 2015 (Każ R 954/2015-1), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjala figurattiva CAFFÈ NERO bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Caffè Nero Group Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C @@, @@.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2016 – E-Control vs ACER

(Kawża T-671/15) ⁽¹⁾

“Rikors għal annullament — Enerġija — Regolament (KE) Nru 713/2009 — Regolament (KE) Nru 714/2009 — Avviż tal-ACER — Deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ta' regolazzjoni li japprovaw il-metodi għall-għoti ta' kapaċità ta' trażmissjoni transkonfinali ta' elettriku — Reġjun Ewropa ċentrali u tal-Lvant — Kompatibbiltà — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”

(2016/C 462/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Energie-Control Austria für die Regulierung der Elektrizitäts und Erdgaswirtschaft (E-Control) (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: F. Schuhmacher, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (rappreżentant: E. Tremmel, aġent)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Avviż tal-ACER Nru 09/2015, tat-23 ta' Settembru 2015, dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ta' regolazzjoni li japprovaw il-metodi għall-għoti ta' kapaċità ta' trażmissjoni transkonfinali fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant bir-Regolament (KE) Nru 714/2009, inklużi l-linji gwida dwar il-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' trasferiment disponibbli ta' interkonnessjonijiet bejn sistemi nazzjonali, li jinsabu fl-Anness I ta' dan ir-regolament.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma għadx hemm lok li tittieħed deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Polonja, ta' Wirtschaftskammer Österreich, ta' Verbund AG u ta' Polskie Sieci Elektroenergetyczne S.A.
- 3) Energie-Control Austria für die Regulierung der Elektrizitäts- und Erdgaswirtschaft (E-Control) għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), inklużi dawk marbuti mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 4) Ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, Wirtschaftskammer Österreich, Verbund AG u Polskie Sieci Elektroenergetyczne S.A. għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talbiet għal intervent.

(¹) ĠU C 38, 1.2.2016.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2016 – Laboratoire de la mer vs EUIPO – Boehringer Ingelheim Pharma (RESPIMER)

(Kawża T-109/16) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RESPIMER — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RESPIMAT — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2016/C 462/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Laboratoire de la mer (Saint-Malo, Franza) (rappreżentant: S. Szilvasi, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG (Ingelheim, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Jannar 2016 (Każ R 3109/2014-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Boehringer Ingelheim Pharma u l-Laboratoire de la mer.